Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 34/2013/1

**George Bonello (appellant)**

**vs**

**Malta Resources Authority (appellata)**

6 ta' Dicembru, 2016.

Permezz ta' ittra datata 12 ta' Lulju 2011, l-appellant talab lill-appellata sabiex minflok jigi ordnat jaghlaq il-*bore hole* li ggib in-numru ta' notifikazzjoni 0014/08 fil-fond "Our Dream", Triq in-Nutar Zarb, H'Attard, tikkunsidra li jitwahhal *meter* u b'hekk l-uzu tal-ilma jigi mmonitorjat mill-istess awtorita'. Dan wara li l-appellata rrifjutat l-applikazzjoni tal-appellant biex jigi ezentat milli tinghalaq il-borehole li kellu fl-imsemmija residenza.

Permezz ta' risposta, l-Awtorita' intimata wiegbet illi ma taqbilx mat-talba ta' l-attur u sabiex tikkonferma d-decizjoni taghha tas-27 ta' Gunju, 2011.

Permezz ta' sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru, 2014, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ddecieda illi filwaqt illi astjena milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' intimata stante li din kienet giet irtirata mill-istess Awtorita', laqa' l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-istess Awtorita' u kwindi cahad l-appell interpost mill-attur u kkonferma d-decizjoni tal-Awtorita' intimata datata 27 ta' Gunju, 2011.

L-appellant appella mid-decizjoni tat-Tribunal u stqarr li ma talab xejn straordinarju jew li ma jistax isehh. L-appellant qed jitlob illi huwa jkun jista' jtella' l-ilma mill-*bore hole* gewwa l-proprjeta' tieghu u jhallas dawk il-flejjes kollha relattivi mal-uzu tal-istess ilma, liema spejjez jigu kalkulabbli bis-sahha tat-tkejjil ufficjali mill-Awtorita' permezz tal-*meter* appozitu. L-appellant ma huwa qed jitlob xejn b'xejn. Illi mhux biss din is-soluzzjoni hi prattika, izda hi kompatibbli mar-rekwiziti u intenzjonijiet ambjentali li wara kollox gie bihom promulgat l-Avviz Legali 241 tas-sena 2010, u dan kif gie ahjar spjegat fid-dettall fin-nota ta' sottomissjonijiet mressqa mill-appellanti waqt il-proceduri fl-ewwel istanza;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' intimata appellata (datata 23 ta' Ottubru, 2014) fejn

wiegbet illi l-appell ghandu jigi michud peress illi l-appellanti naqas li jipprova li s-sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art jikklassifika bhala wiehed li ghandu cirkostanzi li jippremettulu li jista' jigi ezentat taht is-subinciz iehor ta' l-Artikolu 17 tal-Avviz Legali 241 tas-sena 2010.

L-appellata qalet ukoll li l-appellant ma ppruvax li s-sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art jikklassifika bhala wiehed li ghandu:

(i) pompa jew apparat mekkaniku iehor installat jew uzat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art;
(ii) jew li kien jinsab go fond residenzjali li ma kienx jista' jigi fornut bi provvista kostanti ta' ilma mill-Korporazzjoni skond ir-Regolamenti tal-1948 dwar il-Fornitura tal-Ilma, minhabba biss li n-network pubbliku ghad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali;
(iii) jew li s-sors tal-ilma ta' taht l-art hu proprjeta' kulturali taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

Illi s-sors: (i) huwa uzat biss ghal finijiet domestici mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u (ii) li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella' minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art ma teccedix metru kubu kull jum; u (iii) l-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taht l-art huwa mill-akwifer ta' fuq it-tafal;

Illi b'hekk l-appellant naqas ukoll li jipprova li huwa jista' jigi ezentat taht xi subinciz iehor tal-istess Artikolu 17 tal-Avviz Legali 241 tas-sena 2010;

**Fatti.**

i. L-appellant għandu *borehole* fil-fond Our Dream, Triq in-Nutar Zarb, Attard. L-ilma jittella' permezz ta' pompa.
ii. F'Ottubru 2008 ipprezenta applikazzjoni ghan-notifika ta' sors tal-ilma ta' taht l-art. Fl-applikazzjoni ddikjara li l-uzu li jaghmel minnha hu ghat-tisqija.
iii. Fit-8 ta' Jannar 2009 saret spezzjoni fil-fond minn ufficjali tal-appellata. Fir-rapport, li hu ffirmat mill-appellant, jingħad li l-ilma jintuza ghat-tisqija ta' 65 sigra tal-laring, biex jimtela' *swimming pool* kull tlett snin u ghall-uzu personali.
iv. B'decizjoni tas-27 ta' Gunju 2011, l-appellata ddecidiet li ghar-ragunijiet li jissemmew f'taqsima II tad-decizjoni, il-borehole numru 14/08 ghandha tinghalaq u tigi ssiggillata.

**Konsiderazzjoni**.

1. Rilevanti hu l-Avviz Legali 241 tal-2010. Skond regolament 17 l-Awtorita ghandha:

   *"…… **tordna l-għeluq ta' kull sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art** fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti….."*

   Pero' l-istess regolament jikkontempla ghal xi eccezzjonijiet li jissemmew f'paragrafi (a) sa (d) tal-istess regolament. Il-kaz tal-appellant ma jaqax taht waħda mill-eccezzjonijiet li jissemmew f'regolament 17.

2. Il-*borehole* li ghandu l-appellant fir-residenza tikkwalifika bhala **sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art** *(domestic groundwater source)*, li tfisser:

   *"sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art" tfisser kull sors ta' ilma ta' taħt l-art li jkun jinsab ġo fond residenzjali u **fejn l-ilma ta' taħt l-art ikun jintuża għal skopijiet tad-dar, jew għall-mili ta' swimming pools, jew għat-tisqija ta' ġnien domestiku**, jew biex jixorbu l-annimali miżmuma bħala annimali domestiċi iżda ma tinkludix maħleb, qasam fejn jitrabbew il-ħnieżer, tjur jew rziezet ta' fniek jew xi użu ieħor intensiv jew kummerċjali"*

   Skont l-istess regolamenti, gnien domestiku:

   *"tfisser ġnien li **mhux ikbar minn 1000 metru kwadru** u li jintuża biss ma' fond residenzjali u li minnu ma jinbiegħ ebda prodott"*

   Mill-provi rrizulta li l-appellant juza l-ilma li jtella' mill-*borehole* sabiex isaqqi l-gnien li hemm fid-dar tieghu u jimla s-swimming pool li ghandu fl-istess fond. Skont pjanta li pprezenta l-appellant (fol. 49), il-gnien fih kejl ta' 779.03 metri kwadri. Inoltre, l-appellant ikkonferma li minnu ma jinbieghx prodott.

3. Kien biss fl-ittra tat-12 ta' Lulju, 2011, igifieri wara d-decizjoni tal-appellata, li l-appellant semma ghall-ewwel darba li l-ilma li jtella' jintuza wkoll biex isaqqi ghelieqi li ghandu vicin id-dar u li jittrasporta permezz ta' jerry cans. Eghlieqi li ma ssemmewx fl-applikazzjoni ghan-notifika ta' sors tal-ilma ta' taht l-art li pprezenta fit-30 ta' Ottubru, 2008 u lanqas fir-rapport tal-ispetturi li hu ffirmat mill-appellant u fih it-taghrif dwar l-uzu li l-appellant iddikjara waqt l-ispezzjoni. L-appellant xehed li r-raba' hi dik li tidher fir-ritratti GB6-GB11 u jinsabu H'Attard (fol. 62)[1]. Pero' ma qalx kemm hi 'l boghod mid-dar u lanqas ma ressaq prova ta' xi titolu.

[1] Pero iktar 'il quddiem qal li ghandu diversi ghelieqi, *"…. Ir-Rabat ghandi wkoll, ghandi tnejn u ghoxrin tomna r-Rabat, imbaghad ghandi l-Imriehel"* (fol. 63). Dan ikompli jsahhah il-fehma tal-qorti li mhi xejn kredibbli t-tezi tal-appellant li fl-applikazzjoni u waqt l-ispezzjoni ma semmiex li juza l-ilma ghat-tisqija tal-eghlieqi minhabba li nesa (ara paragrafu 6 tar-rikors tal-appell), jekk hu veru li ghandu dik ir-raba' kollha.

Hu facli ghall-appellant li jghid li kien nesa jiddikjara tali fatt, pero' l-qorti ssibha ferm improbabbli. Sahansitra fl-applikazzjoni hemm sezzjoni C intestata *Ghan ta' L-Uzu* fejn hemm kolonna ntestata ***Agrikoltura*** (fol. 70) li l-appellant halla vojt. Waqt l-ispezzjoni l-appellant ftakar li kull tlett snin jimla' wkoll is-swimming pool imma mbaghad ma jiftakarx li juza' l-ilma ghat-tisqija tal-eghlieqi, f'pajjiz fejn il-htiega ta' tisqija hi kontinwa. Il-qorti ma tistax temmen li l-appellant ma semmiex l-ghelieqi ghaliex nesa jsemmihom. Wiehed irid jiftakar ukoll li l-applikazzjoni u l-ispezzjoni saru meta l-Avviz Legali 241 tal-2010 kien ghadu lanqas biss jezisti. Ovvjament wara d-dhul fis-sehh tar-regolamenti tigi l-hajra li wiehed jipprova jara kif jista' jsib xi argument biex jevita s-sanzjoni tal-ligi.

4. Fis-sentenza t-Tribunal qal li dan il-kaz ma kienx bhal dak fl-ismijiet **Vincent Debono vs Malta Resources Authority** (Rikors 29/2013), fejn waqt l-ispezzjoni kienet saret dikjarazzjoni li l-ilma jintuza principalment ghat-tisqija ta' ghelieqi li ma kinux jiffurmaw parti mir-residenza. Kull kaz ghandu fatti partikolari ghalih. F'kull kaz dik is-sentenza giet appellata u ghadu *sub judice*. Dan apparti li d-decizjoni tal-appellata kienet bazata fuq it-taghrif li ta l-appellant. Ghalhekk it-Tribunal qal sewwa li:

*"L-Awtorita' mxiet abbazi tal-informazzjoni fornuta mill-istess rikorrent, u applikat ir-regolamenti kif kien fid-dover taghha li taghmel. Dan it-Tribunal irid jezamina d-decizjoni tal-Awtorita' intimata fid-dawl tal-informazzjoni moghtija lilha u mhux abbazi ta' xi ripensamenti li seta' kellu r-rikorrent"*.

5. Ghal dak li jirrigwarda l-argumenti li l-appellant ghamel f'paragrafu 8 tar-rikors tal-appell, il-qorti twiegeb li l-Awtorita trid tapplika l-ligi u dak hu li ghamlet.

6. **<u>Konkluzjoni</u>**:

   i. Skont regolament 17 **<u>kull sors domestiku tal-ilma ghandu jinghalaq</u>** fi zmien 6 xhur mid-dhul fis-sehh tar-regolamenti, hlief ghal dawk il-kazijiet li jissemmew f'paragrafi (a) sa (d) tal-istess regolament.

   ii. Mill-provi rrizulta li l-*borehole* li hemm fir-residenza tal-appellat hi sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art ghaliex:-

      (a) Tinsab fil-fond residenzali tal-appellant;

      (b) L-ilma li jittella' jintuza ghat-tisqija tal-gnien li hemm fil-fond u li mhuwiex ikbar minn 1,000 metru kwadru, ghall-uzu personali u sabiex jimtela' s-swimming pool li jinsab fl-istess fond.

iii. L-eccezzjonijiet li jissemmew f’paragrafi (a) sa (d) ta’ regolament 17, ma japplikawx fil-kaz in ezami.

Ghaldaqstant, id-decizjoni tal-appellata kienet legalment korretta u bazata fuq fatti li kellha quddiemha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.